MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 948/2014

**Steve Delia**

***kontra***

**Cassar & Schembri (Marketing) Limited [C33174]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta` Ottubru 2014 **bil-procediment sommarju specjali** l li jaqra hekk–

*1. Illi r-rikorrent dahal f`negozju mal-intimata li kien jikkonsisti f`xiri bl-ingrossa ta` prodotti tal-laham minghand socjetajiet barranin, liema prodotti kienu jinbieghu bi qligh fiss mill-intimata lil terzi persuni;*

*2. Illi s-socjeta` intimata kienet tinvesti dawn il-flus sabiex jigu akkwistati dawn il-prodotti tal-laham bl-ingrossa, u l-qligh li kien isir mill-bejgh ta` dawn il-prodotti kienu jinqasmu bejn ir-rikorrent u l-intimata;*

*3. Illi fid-9 ta` Gunju 2014 id-Direttur tas-socjeta` intimata Ryan Schembri hallas lir-rikorrent il-kapital investit minnu flimkien mal-qligh li kienu ghamlu mix-xiri ta` dawn il-prodotti kif spjegat, permezz ta` cheque mahrug mill-kont tas-socjeta` intimata gewwa l-fergha tal-Banif Bank (Malta) plc tal-Fgura, Cheque numru 4042, minn fuq il-kont kurrenti numru 00156825101 u ffirmat mill-istess Ryan Schembri (kopja annessa bhala Dok A), ammontanti ghas-somma ta`* ***mija u disgha u ghoxrin elf mija u sitta u ghoxrin Euro (€129,126.00)****;*

*4. Illi dan ic-cheque madankollu baqa` ma ssarrafx mill-Banif Bank (Malta) plc peress li ma kienx hemm fondi bizzejjed sabiex jigi onorat;*

*5. Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghall-hlas tas-somma dovuta lir-rikorrent, l-intimata baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;*

*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*7. Illi dan l-ammont dovut mill-intimata lill-esponenti hu dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponenti, l-intimata m`ghandha l-ebda eccezzjoni x`tissolleva kontra l-pagament tad-dejn imsemmi;*

*8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;*

***Ghaldaqstant**, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq:*

*(i) Tiddikjara illi l-intimata hija debitrici tal-esponenti fis-somma ta` **mija u disgha u ghoxrin elf mija u sitta u ghoxrin Euro (€129,126.00)** dovuta kif fuq inghad, bl-interessi relattivi mid-data tal-iskadenza ghall-hlas ossija d-9 ta` Gunju 2014 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(ii) Tikkundanna lill-intimata thallas dan id-debitu, bl-ispejjez tal-prezenti nkluz dawk tal-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju numru 1572/14 intavolat fl-10 ta` Ottubru 2014.*

*L-intimata hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-attur u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Novembru 2014 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta` Dicembru 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-kumpannija konvenuta ssejhet diversi drabi biex tidher ghall-udjenza tal-lum, hadd ma deher.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi:**

**1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta` mija u disgha u ghoxrin elf mija u sitta u ghoxrin Euro (€129,126.00), bl-interessi kif mitluba;**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas dan id-debitu, bl-ispejjez kollha tal-kawza nkluz dawk tal-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju numru 1572/14 intavolat fl-10 ta` Ottubru 2014.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------